# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Diċembru 2021**

**Talba Nru: 184/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**360 Food Imports Limited C46590**

**Vs**

**Jorosca Saliba (ID 227381(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2021[1], permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' tlett mija, erbgħa u sebgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€374.73) rappreżentanti merċa mibjugħa, ikkonsenjata u mhux

[1] A fol 1 *et seq.*

imħallsa kif aħjar deskritt fl-istess Avviż tat-Talba. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħaxijiet;

Ra d-dokument anness mal-istess Avviż[2];

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2021, fejn dehret il-konvenuta u talbet żmien sabiex tintavola risposta[3];

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2021[4];

Sema' x-xhieda ta' Dr. Jonathan Abela[5];

Ra n-nota kontenenti riżoluzzjoni tas-soċjetá attriċi[6];

Ra li l-konvenuta ma ppreżentat l-ebda nota, wara li kienet ingħatat il-fakulta li tagħmel dan[7];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif jirriżulta mill-*iter* hawn fuq riprodott, l-konvenuta għażlet li tidher fl-ewwel seduta tas-smiegħ ta' dawn il-proċeduri u ngħatat żmien sabiex tħejji u tippreżenta d-difiża tagħha b'mod formali. Dan m'għamlitux, iżda peress li kienet

[2] Rendikont, a fol 2 tal-proċess.
[3] A fol 8 tal-proċess.
[4] A fol 9 tal-proċess.
[5] Xhieda tinsab a fol 11 tal-proċess.
[6] Nota relattiva tinsab a fol 13 tal-proċess.
[7] Seduta tat-2 ta' Novembru 2021.

għamlet apparenza, dan it-Tribunal qies li din it-tieni mankanza (tal-preżentata tar-risposta) ma kinitx suffiċjenti sabiex hija tiġi dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja. Naturalment, in-nuqqas tagħha li tippreżenta risposta kien ifisser li ma kinitx aktar intitolata li tippreżenta provi.

Illi madanakollu, propju minħabba dik l-ewwel dehra, it-Tribunal qies li l-konvenuta kellha tingħata opportunità sabiex tħejji nota finali[8], fejn il-konvenuta kienet għal darb' oħra ommissiva.

Illi t-Tribunal iqis li l-ammont mitlub, ġie debitament ippruvat u li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala t-talba hekk kif formulata m'għandhiex tintlaqá.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' tlett mija, erbgħa u sebgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€374.73) bl-imgħax legali mit-24 ta' April 2019[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[8] B'mod analogu, dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed huwa mistieden jara r-raġunament magħmul mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. (C-1607) vs. Venues Company Limited (C-27160),** (App Ċiv Nru: 229/14LSO) mogħtija nhar it-22 ta' Ottubru 2019.

[9] Skond ir-rendikont eżebit, din hija d-data li fiha l-ammont globali mitlub ġie dovut. Huwa ċar għal dan it-Tribunal li din l-obbligazzjoni għandha minnha xejra kummerċjali. Jidher lill-konvenuta topera ħanut bl-isem Grab N Go. Għalhekk huwa applikabbli dak li jgħid u jrid l-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.